Domandi preliminari

1) Meta istituzzjoni ta' kreditu teżerċita funzjonijiet ta' impriża ta' investiment, li jiġu ttrasferiti lilha fondi bl-għan li jiġu akkwistati strumenti ta' dejn maħruġa mill-istituzzjoni ta' kreditu stess, iżda dan il-ħruġ ma jkunx seħħ u dawn l-istrumenti ma jkunux saru l-proprjetà tal-persuna li ħarġet il-fondi, filwaqt li dawn il-fondi jkunu diġà ġew ittrasferiti mill-kont bankarju ta' din il-persuna f'kont miftuħ f'isem l-istituzzjoni ta' kreditu u ma jkunux jistgħu jitħallsu lura, u, barra minn hekk, il-volontà tal-leġiżlatur nazzjonali fir-rigward tal-applikazzjoni ta' skema ta' protezzjoni speċifika f'din is-sitwazzjoni ma tkunx ċara, l-Artikolu 1.1 tad-Direttiva 94/19 ([1]) u l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 97/9 ([2]) jistgħu jiġu applikati direttament sabiex tiġi ddeterminata l-iskema ta' protezzjoni applikabbli għal dawn il-fondi, u l-użu intiż tagħhom huwa, f'dan ir-rigward, il-kriterju prinċipali? Id-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq huma suffiċjentement ċari, preċiżi u inkundizzjonati u joħolqu drittijiet suġġettivi sabiex ikunu jistgħu jiġu invokati minn individwi quddiem il-qorti nazzjonali insostenn tat-talbiet tagħhom għal kumpens kontra l-organu ta' garanzija stabbilit mill-Istat?

2) L-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 97/9, li jiddetermina l-pretensjonijiet koperti mill-iskema ta' kumpens għall-investituri, għandu jinftiehem u jiġi interpretat fis-sens li dan ikopri wkoll talbiet għar-rimbors ta' fondi li l-impriża ta' investiment għandha tħallas lill-investituri u li ma humiex miżmuma minnha f'isem dawn tal-aħħar?

3) Fil-każ ta' risposta affermattiva għat-tieni domanda, l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 97/9, li jispeċifika l-pretensjonijiet koperti mill-iskema ta' kumpens, huwa suffiċjentement ċar, preċiż u inkundizzjonat u joħloq drittijiet suġġettivi li jistgħu jiġu invokati minn individwi quddiem il-qorti nazzjonali insostenn tat-talbiet tagħhom għal kumpens kontra l-organu ta' garanzija stabbilit mill-Istat?

4) L-Artikolu 1.1 tad-Direttiva 94/19 għandu jinftiehem u jiġi mifhum u interpretat fis-sens li jista' jiġi kkunsidrat bħala depożitu, skont din id-direttiva, it-trasferiment ta' fondi mill-kont personali ta' persuna bil-kunsens tagħha, f'kont miftuħ fi ħdan l-istituzzjoni ta' kreditu u f'isem din tal-aħħar u li huwa intiż għall-ħlas ta' strumenti ta' dejn futuri ta' dan l-istabbiliment?

5) Id-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 7(1) u tal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 94/19 għandhom jinftiehmu u jiġu interpretati fis-sens li l-kumpens bħala garanzija għad-depożiti għandu jitħallas, fil-limitu tas-somma indikata fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 94/19, lil kull persuna li d-dritt ta' kreditu tagħha jista' jiġi stabbilit qabel id-data li fiha issir il-konstatazzjoni jew tingħata d-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 1(3)(i) u (ii) tad-Direttiva 94/19?

([1]) Direttiva 94/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 1994, dwar skemi ta' garanzija għal depożiti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 2, p. 252).

([2]) Direttiva 97/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-3 ta' Marzu 1997, dwar skemi ta' kumpens għall-investitur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 2, p. 311).

Appell ippreżentat fid-29 ta' Frar 2016 mill-Kummissjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) fis-17 ta' Diċembru 2015 fil-Kawżi magħquda T-515/13 u T-719/13, Spanja *et* vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-128/16 P)

(2016/C 156/41)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Appellanti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. DiBucci, É. Gippini Fournier u P. Němečková, aġenti)

Partijiet oħra fil-proċedura: Ir-Renju ta' Spanja, Lico Leasing, S.A.U. u Pequeños u Medianos Astilleros Sociedad de Reconversión, S.A.

Talbiet

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-17 ta' Diċembru 2015, mogħtija fil-Kawżi magħquda T-515/13 u T-719/13;

— terġa' tibgħat il-kawża mill-ġdid quddiem il-Qorti Ġenerali;

— tikkundanna lir-rikorrenti fl-ewwel istanza għall-ispejjeż.

Aggravji u argumenti prinċipali

1. Il-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat fir-rigward tal-kunċetti ta' impriża u ta' vantaġġ selettiv, kif ukoll fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tal-obbligu ta' motivazzjoni u żnaturament tad-deċiżjoni kontenzjuża fir-rigward tan-natura selettiva.

   — Il-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi u żnaturat id-deċiżjoni meta interpretat b'mod żbaljat in-natura selettiva ta' vantaġġ fiskali rriżervat għall-impriżi li jiżvolġu attività ekonomika speċifika, ikkostitwit għall-Gruppi b'Interess Ekonomiku u l-imsieħba tagħhom, kif ukoll fil-kwalifika żbaljata tal-motivazzjoni.

   — Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-analiżi tal-vantaġġ selettiv li jirriżulta mill-eżistenza ta' setgħa diskrezzjonali tal-awtorità nazzjonali tat-taxxa.

   — Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-kunċett ta' selettività billi eskludiet il-preżenza ta' selettività fir-rigward ta' miżura rriżervata għas-suġġetti li jwettqu investimenti speċifiċi.

2. Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi u żnaturat id-deċiżjoni kontenzjuża meta interpretat u applikat l-obbligu ta' motivazzjoni fir-rigward tal-effett fuq il-kompetenza u tal-effett fuq il-kummerċ skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat.